Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,656, 2 ta' Lulju, 2021

Taqsima B

A.L. 277 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 364. 12.

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara r-raba' proviso għall-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda wkoll għar-rigward ta' trasferimenti ta' proprjetà li jkunu saru fi jew wara d-9 ta' Ġunju 2020, sabiex jiġi determinat jekk il-proprjetà hijiex l-ewwel proprjetà immobbli akkwistata *inter vivos* minn dik il-persuna, l-akkwist preċedenti minn dik il-persuna ta' garaxx ta' mhux aktar minn tletin metru kwadru, mhux se jiġi kkunsidrat, iżda dan il-proviso ma għandux japplika jekk dik il-persuna tkun ingħatat il-konċessjoni provduta taħt l-artikolu 32(4)(a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew taħt dan l-artikolu:". Kap. 364.